MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 253/1989/1

**Joseph Cauchi**

**v.**

**Julian Falzon**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Marzu 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur kien dahal f'konvenju mal-konvenut f'April tal-1986 fejn l-imsemmi attur kellu jbiegh u jittrasferixxi lill-konvenut fond b'garage gewwa f'Haz-Zebbug;

Illi in konsiderazzjoni tal-bejgh il-konvenut intrabat li jhallas lill-attur is-somma ta’ sitt elef mija u tmien liri Maltin (Lm6,108);

Illi meta wasal iz-zmien li jsir l-att finali l-konvenut ressaq terza persuna pero` intrabat illi s-somma ta’ sitt elef mija u tmien liri Maltin (Lm6,108), u dan jirrizulta ben kjar mill-annessa skrittura ezebita bhala Dokument A, kien ser ihallashom hu stess;

Illi fil-fatt il-konvenut kien wasal f’arrangament mal-attur illi minflok li jhallsu direttament issurrogah fid-drittijiet tieghu versu d-debituri tieghu fis-somma ta’ sitt elef mija u tmien liri (Lm6,108);

Illi dan sar b’mod malinn u frawdulenti stante li tali debiti ma kinux kollha ezistenti u fil-fatt inganna lill-attur meta tah ammont konsiderevoli ta’ kambjali vojta;

Illi mis-somma dovuta lill-attur ghad baqa’ s-somma ta’ elfejn tlett mija u zewg liri Maltin u maghha jridu jigu nkluzi l-imghax relattiv mid-data ta’ l-iskrittura annessa bhala dokument A;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn tliet mija u zewg liri Maltin (Lm2302) flimkien mal-imghax relattiv mid-data tal-iskrittura annessa bhala Dok A tad- 9 ta’ April 1986.

Bl-ispejjes u bl-imghax. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentat fit-12 ta' Gunju 1992 fejn qal:

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Infatti d-dikjarazzjoni tal-attur hija infestata b’allegazzjonijiet li fil-verita` ma avverawx ruhhom u dan

kif ser ikun ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti ma ghandu xejn x'jaghti lill-attur;

Salve eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Giovanni Griscti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tad-29 ta' Marzu 1993 li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu tal-perit legali msemmi u gie sotitwit ghalih l-Avukat Dottor Martin Fenech;

Rat id-digriet tal-21 ta' April 1999 li permezz tieghu l-imsemmi perit legali gie ordnat iqieghed il-process ghad-disposizzjoni tal-Qorti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-process u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien dahal f'konvenju mal-konvenut biex ibieghlu fond b'garaxx f'Haz-Zebbug. Fuq il-kuntratt definittiv il-konvenut ressaq terza persuna izda ntrabat li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm6,108. Minflok ma hallsu direttament, pero`, issurroga lill-attur fid-drittijiet tieghu versu numru ta' debituri skond l-iskrittura annessa mac-citazzjoni u datata 9 ta' April 1986. L-attur isostni li dan sar b'mod "malinn u frawdolenti" da parti tal-konvenut "stante li tali debiti ma kinux kollha ezistenti" u qieghed

jallega li l-konvenut ingannah "meta tah ammont konsiderevoli ta' kambjali vojta". Huwa kien gabar parti mis-somma dovuta u, sa meta giet intavolata c-citazzjoni, kien ghad baqaghlu bilanc ta' Lm2,302 li huwa kien qieghed jippretendi li jithallsu mill-konvenut. Fil-mori tal-kawza l-attur thallas parti ohra mis-somma pretiza minnu wara li istitwixxa proceduri gudizzjarji separati kontra uhud mid-debituri. Il-bilanc li baqaghlu jiehu huwa ta' Lm675 li jsostni jirrapprezenta il-bilanc dovut minn persuna maghrufa bhala "is-Sur Ang" fuq karrozza Mercedes.

Fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu l-attur isostni li l-agir frawdolenti tal-konvenut jirrizulta mis-segwenti:

(1) Ix-xiehda ta' Patrick Sammut (wiehed mid-debituri) li qal li kien ghamel pagament lill-attur u waqaf ghax il-konvenut qallu biex ma jkomplix ihallas minkejja li kien ghad baqaghlu pagamenti x'jaghmel - Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dak li qal l-imsemmi Patrick Sammut, ossia Patrick Sammut Ghigo, izda fl-istess hin dan ix-xhud ma ta l-ebda raguni u l-ebda spjegazzjoni ghaliex il-konvenut seta' qallu biex ma jkomplix ihallas lill-attur. Ma ta l-ebda indikazzjoni ta' x'kienu c-cirkostanzi meta suppost il-konvenut qallu hekk. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi, kif ikkonkluda l-attur fin-nota tieghu, li dak li qal l-imsemmi xhud jista' jwassalha biex tikkonkludi li kien hemm xi agir frawdolenti da parti tal-konvenut. Aktar u aktar meta l-istess xhud in kontro-ezami qal li huwa kien waqaf ihallas "gar-raguni biss illi kelli inkwiet mal-mara u ma kontx nahdem".

(2) Il-fatt li l-konvenut ghadda kreditu lill-attur li ma baqax jezisti (dak "tas-Sur Ang") - Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur isostni li l-hlas kien dovut mis-Sur Ang lill-konvenut, li dan kien mar ma' l-attur biex jirritorna l-karrozza u li l-konvenut kien accetta illi, una volta l-kreditu dovut kien spicca, kien ser ihallas hu lill-attur. Issa minn ezami tad-dokumenti esibiti jirrizulta li fost il-krediti li l-konvenut ghadda lill-attur kien hemm dak ta' Lm820 fuq Fiat 124 pagabbli Lm75 fix-xahar (ara Dok. A a fol. 4). Jidher li dan kien jirrigwarda karrozza li l-konvenut kien ghadda bi tpartit lil certu Michael Farrugia u li fuqu kien

ghad jonqos li jithallas l-ammont ta' Lm825 (mhux Lm820 kif hemm fl-iskrittura Dok. A). Dan jirrizulta mill-iskrittura annessa ma' l-affidavit ta' l-istess Michael Farrugia u datata 4 ta' April 1986. Jidher illi xi zmien wara Michael Farrugia partat il-Fiat ma' Mercedes - f'dar-rigward ara l-kopja ta' l-iskrittura annessa ma' l-affidavit tal-konvenut u datata 13 ta' Frar 1987. Mela l-kreditu li l-konvenut ghadda lill-attur kien dak dovut minn Michael Farrugia u mhux mis-Sur Ang. Is-Sur Ang dahal fl-istorja fi stadju aktar tard u cioe`, wara li l-attur kien accetta lil Michael Farrugia bhala debitur tieghu u wara li l-istess Michael Farrugia kien partat il-Fiat ma' Mercedes.

Ghalhekk ma jirrizultax illi meta l-konvenut issurroga lill-attur fid-drittijiet tieghu agixxa b'mod frawdolenti. Ma jirrizultax li d-debiti ma kinux kollha ezistenti u l-fatt li l-kambjali kienu vojta (ghajr ghall-firem tad-debituri) ma pprevjeniex lill-attur milli jigbor kwazi kull ma kien dovut lilu - effettivament l-attur jammetti li gabar kollox hlief is-somma bilancjali ta' Lm675, liema somma kienet originarjament dovuta minn Michael Farrugia izda li mbaghad gie surrogat minfloku s-Sur Ang wara li Farrugia, fuq talba tas-Sur Ang, partat il-Mercedes ma' karrozza Simca. Farrugia xehed kif kien mar mas-Sur Ang ghand l-attur u dan accetta li d-dejn ikompli jithallas mis-Sur Ang. Fix-xiehda tieghu fil-fatt l-attur jghid li s-Sur Ang kien hallsu darba jew darbtejn. Dan ifisser li l-attur kien accetta lis-Sur Ang bhala debitur tieghu, u meta kien jaf li l-karrozza f'idejh kienet Mercedes u mhux Fiat. Dak li gara wara hu b'hekk inkonsegwenzjali ghall-finijiet tal-kawza in ezami, ghalkemm rilevanti ghall-fini tal-kap ta' l-ispejjez.

Difatti muwiex lecitu li kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni. Kif intqal fl-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Paul Gauci et vs Joseph Mugliette** deciz fid-9 ta' Frar 2001:

**"Il-Qorti fid-determinazzjoni tal-kawza ghandha toqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Is-sentenza trid tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi**

**prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut."**

Mix-xiehda ta' l-attur, konfermata minn martu, fil-fatt jirrizulta illi f'xi zmien is-Sur Ang  ma riedx izomm il-Mercedes u ghalhekk mar ghand l-attur biha. Dawn haduha ghand il-konvenut fejn, ghalkemm ma sabuhx, hallew ic-cavetta ma' mart il-konvenut. Dan hu michud mill-konvenut u minn martu. Ghalkemm il-verzjoni ta' l-attur tidher aktar verosimili, il-pretensjoni ta' l-attur li s-somma bilancjali ta' Lm675 ghandha tithallas mill-konvenut ghax dan accetta li jzomm il-Mercedes hija kawzali kompletament differenti minn dik vantata fic-citazzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici kif ridotta ma tistax tigi akkolta f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talb attrici kif ridotta. Bl-ispejjez li, fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------